MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 495/2014

A B

Vs

C sive N B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi fid-29 t'Ottubru 1988 l-esponent izzewweg lill-intimata (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. 'A') u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied – K u R, ahwa B.
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effetwaw separazzjoni legali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali in atti Nutar Dottor Joseph Debono datat 15 ta' Dicembru, 2003 (Dok. 'B');
3. Illi m'hemm ebda pendenzi bejn il-partijiet;
4. Illi l-esponenti iddiskuta mal-avukat tieghu Dr. Chris Cilia LL.D. il-possibilita` ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok. C) u kkonkluda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi issa ghaddew oltre 10 snin mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skont il-ligi ghall-hall taz-zwieg u divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex tiddikjara illi z-zwieg tieghu mal-intimata hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Novembru, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Dicembru 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------